MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Numru. 193/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Melvyn Camilleri**

**vs**

**Clyde Bonavia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Clyde Bonavia ta' 24 sena, bin Anthony u Emmanuela nee' Brincat, imwieled Pieta' fid-9 ta' Awwissu, 1984, u residenti 10, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' numru 410684(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-granet ta’ bejn it-3 u l-5 t’April 2008 f’dawn il-gzejjer ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ persuna ta’ taht l-eta;
2. Fl-istess granet, hinijiet u postijiet kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

3. Sar ricediv ai termini ta’ artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta’ Settembru 2008 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ April 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-27 ta’ Novembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 204C tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u l-Parole li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------